MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Numru. 978/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Michael Mallia)**

**Vs**

**Twain Schembri ta' 23 sena, iben Emanuel u Rita nee` Camilleri imwieled Pieta` fl-10 ta' Ottubru 1989 u residenti fil-fond 73 'Bizet House', Triq Santa Marija Birikirkara u detentur ta' karta tal-identita` bin-numru 466289M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzai migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

Fil-perjodu bejn il-hamsa ta' filghaxija tat-23 ta' Lulju 2008 u s-sebgha ta' filghodu tal-24 ta' Lulju 2008, fi Triq P.P. Castagna Birkirkara, ikkommetta serq ta' sterjo tal-marka Pioneer minn go vettura tal-ghamla 'Hyundai Matrix' bin-numru ta' registrazzjoni NAT104, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta' Paul Meilak;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjed haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fuq il-vettura tal-ghamla 'Hyundai Matrix' bin-numru tar-registrazzjoni NAT104, liema hsara tiskorri ta' mija u sittx il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda inqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u li saret ghad-dannu tal-istess Paul Meilak;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, izda fuq kollox il-fatt illi l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna boex jeghleb il-vizzju tad-droga. Fil-fatt iddikjara illi bhalissa jinsab residenti fl-Isptar Monte Carmeli u li wara ser ikun qed isegwi programm residenzjali ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga mal-OASI.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(f)(g)(c), 263, 267, 270, 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum bil-kundizzjoni illi l-imputat isegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f'din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------